**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA LL.D.**

**Illum it-12 ta' April 2022**

Kaz Nru: 449/2008

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**kontra**

**Mavrick Zammit**

**(ID: 193188 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Mavrick Zammit** ta' dsatax-il sena (19) bin Joseph u Elisabeth nee' Fenech imwieled l-Pieta nhar id-19 ta' April 1988, residenti gewwa 109, JoeAlice, Triq Amleto Spiteri, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 193188M, akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl bejn it-12 u 13 ta' April 2008 kif ukoll fit-tliet xhur ta' qabel, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforna id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-imporazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra

awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolament tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Kellu fil-pussess tieghu medicini psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supratendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordnijiet tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta)[1] u tas-subartikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta)[2] sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021[3];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi prodotti minn dina l-Qorti diversament preseduta[4];

Semghet u rat ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet dedotti, l-Prosekuzzjoni ressqet bhala xiehda lill-Ispettur Jesmond J. Borg; PC706 Norman Cremona; Ivan Mizzi; Jonathan Mizzi, Capt. Jason Ebejer; Christopher Borg u Oriana Deguara li min-naha taghha esebiet Proces Verbal 264/2008 redatt mill-Magistrat Dr. J. Padovani u maghluq fil-21 ta' April 2008 dwar xhieda guramentata ta' Mavrick Zammit fl-14 ta' April

[1] Ara fol. 5 tal-atti processwali;
[2] Ara fol. 4 tal-atti processwali;
[3] Ara fol. 125B tal-atti processwali.
[4] Ara fol. 126 tal-atti processwali

2008. Min-naha tad-difiza, l-imputat ghazel li volontarjament jiehu l-pedana tax-xhieda.

Illi l-fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghal-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' April 2008 meta membri tal-Forzi Armati waqqfu vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAU 635 misjuqa minn Jonathan Mizzi u nnotaw lill-passiggier fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura identifikat bhala Ivan Mizzi jarmi xi haga. Meta l-membri tal-Forzi Armati gabru din il-borza nnotaw li l-istess kienet kontinenti tlett pilloli ecstasy. Tfittxija fil-karozza rrizultat fin-negattiv madanakollu t-tlett persuni li kienu f'din il-vettura u cioe' Jonathan Mizzi, Ivan Mizzi u Mavrick Zammit, gew immedjatament arrestati[5]. **PC 706 Norman Cremona** jixhed li huma marru fuq il-post fejn hadu handover tal-arrest tat-tlett persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll tat-tlett pilloli ecstasy. It-tlett persuni nvoluti gew interrogati mill-pulizija. L-istqarrija mehuda minghand Mavrick Zammit giet esebieta u mmarkata bhala dok. JB1[6].

Wiehed mill-persuni fl-imsemmija vettura, **Ivan Mizzi**, ha l-pedana tax-xhieda wara li l-proceduri kriminali fil-konfront tieghu gew fi tmiemhom. Fix-xhieda tieghu huwa spjega li huwa, huh Jonathan Mizzi u l-qua imputat kienu sejrin *party* ir-Rabat u ddecidew li jixtru l-pilloli ecstasy. Huma marru flimkien fejn il-Knisja ta' Hal-Qormi fejn iltaqghu ma persuna li x-xhud ma kienx jafha, huma ghaddew il-flus lil Jonathan Mizzi li min-naha tieghu ghaddiehom minn got-tieqa tal-vettura lill-persuna li giet mal-vettura. Dan il-persuna ghaddielu mas-7 jew 8 pilloli ecstasy li kienu kollha go borza wahda. Huwa jispjega li tlieta minn dawn il-pilloli kienu ghalih tnejn minnhom ghall-qua imputat filwaqt li huh kellu jiehu bejn tnejn u tlett pilloli. Jiddikjara ukoll li lil dan il-persuna kien propju l-qua imputat li qal lil Jonathan Mizzi sabiex icempillu. Madanakollu x-xhud ma jiftakarx min kien effettivament cempillu jew inkella min kellu n-numru tieghu.

**Jonathan Mizzi**, fix-xhieda tieghu kkonferma li kienu gew imwaqqfa f'road block waqt li kienu sejrin party. Huwa jghid li dakinhar fil-vettura kienu huwa, huh Ivan Mizzi u l-qua imputat. Jghid ukoll li gew imwaqqfa ghax kellu l-ecstasy. Jghid li l-ecastasy kien xtraha Mavrick Zammit minn hdejn il-Knisja San Bastjan gewwa Hal-Qormi minghand Gharbi. Huwa jispjega ukoll li dakinhar huma kienu tawh il-flus u Mavrick mar jixtri l-imsemmija pilloli bil-pass filwaqt li huma baqghu jistennewh fil-vettura fil-pjazza. Jghid li kien nesa kemm tawh flus. Jghid ukoll li kien il-qua imputat li cempel lil persuna minghand min xtraw l-ecstasy filwaqt li hu kien qed isuq il-vettura in kwistjoni. Jixhed li kien ormai nesa kemm kien xtraw pilloli madanakollu jghid li kienu xtraw izjed mit-tlett pilloli misjub mill-membri tal-forzi armati ghax qabel gew imwaqqfa fir-*roadblock* kien gia belghu xi pilloli.

---

[5] Ara x-xhieda ta' Christopher Borg u Capt. Jason Ebejer.

[6] Fol. 18 tal-atti processwali

Fix-xhieda guramentata, l-qua imputat jghid li dakinhar wara x-xoghol Jonathan Mizzi kien waslu d-dar u talbu l-flus sabiex ikun jista' jixtri l-ecstasy. L-imputat jghid li ghaddielu Eur. 20 (li kienu bizzejjed ghal zewg pilloli). Iktar tard fl-10.30pm reggha gie ghalih flimkien ma huh. X'hin waslu Jonathan Mizzi qallu tieghek hawnhekk qeghdin. Qabel marru l-party gewwa t-Tatenger morru gewwa hanut 'Ir-Rio' gewwa Birkirkara. Sussegwentament huma gew imwaqqfa f'roadblock fi triqthom lejn il-party. L-qua imputat jghid li hekk kif twaqqfu mis-suldati Jonathan Mizzi rema' l-pakkett minn idejh u rawh is-suldati. Jghid li fuqu u fuq Ivan Mizzi ma sabu xejn. Huwa jghid li originarjament kien hemm tmien pilloli, tlieta ta' Jonathan, tlieta ta' Ivan u tnejn tieghu. Madanakollu jikkonferma li s-suldati sabu biss tlett pilloli. Jikkonferma li huwa u Jonathan kienu diga hadu pillola wahda qabel waqqfuhom il-pulizija. Jghid ukoll li dakinhar stess Ivan u Jonathan kien hadu l-kokajina.

Sussegwentament fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti (diversament preseduta) l-imputat jerggha jispjega li huma kien telghin party ir-Rabat meta x-xufier u cioe' Jonathan Mizzi kien rema xi pakketti. Jghid ukoll li ma kienx jaf x'fihom il-pakketti ghaliex ma kienux tieghu. Sussegwentament jghid li l-affarijiet ma kinux tieghu u li fil-fatt sabuhom fil-kartiera ta' Jonathan. Fl-istess nifs jghid ukoll li s-suldati raw lil Jonathan jarmi d-droga barra mit-tieqa. Jikkonferma li fuqu ma sabu xejn illegali. Jikkonferma li meta gie nterrogat lill-pulizija qallhom li d-droga kien xtraha Jonathan u li wahda minnhom kienet tieghu. Jiddikjara ukoll li ma jiftakarx li kien ikkonferma l-istqarrija rrillaxata lill-pulizija quddiem il-Magistrat Inkwerenti. In kontroezami jghid li ma jiftakarx kif giet din il-pillola wahda li kienet tieghu. Jghid li l-pillola kienet fil-pussess ta' Jonathan Mizzi ghax dan tal-ahhar kien qallu l-karozza hija tieghi mela l-pillola ha nzommha jien. Jghid li ma jiftakarx jekk kienx hallas il-flus ghad-droga tieghu u lanqas ma jiftakar ic-cirkostanzi ta' kif l-istess inxtrat. Wara li nqratlu l-istqarrija guramentata huwa kkonferma l-istess bil-gurament ghal darba ohra.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi minn analizi tal-atti processwali jirrizulta li l-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma tressqet prova xjentifika li l-pilloli elevati mill-membri tal-forzi armati kienu effettivament pilloli ecstasy. Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' dina il-prova dina l-Qorti trid necessarament tistrieh fuq ix-xhieda prodotti f'dawn il-proceduri.

Illi f'dawn il-proceduri l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhieda okkulari ghal dak li jirrigwardja l-imputazzjonijiet odjerni l-ahwa Ivan u Jonathan Mizzi. Xehed ukoll il-qua imputat. Il-verzjonijiet mghotija minn dawn it-tlett xhieda ma jaghtux verzjoni li taqbel ghal kollox izda f'partijiet mix-xhieda taghhom huma jaghtu xhieda pjutost kunfliggenti.

Fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs. Joseph Thorne intqal li meta l-Qorti tkun rinfaccjata b'sitwazzzjoni ta' kunflitt fil-provi, hija ghandha twiezen il-kredibilita' ta' kull xhud skont il-kriterji dettati mill-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali fid-determinazzjoni ta' dik il-verita'.

> *"…mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hix ser temmnu jew ma temmnux."*

L-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali jistipula li

> *"… kredibbilita' tax-xhud, u fuq din, id-decizjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

L-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jistipula ukoll:

> *"B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku lfatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

L-artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali jistipula ukoll:

> *"Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat."*

Stabbilit dawn il-principji legali, jinghad li fil-kaz in dezamina, l-qua imputat ta l-verzjoni tieghu diversi drabi. L-ewwel, fl-istqarrija rrillaxata lill-pulizija, sussegwentament fix-xhieda guramentata tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti u fl-ahhar lok, ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda sabiex jixhed in difesa viva voce f'dawn il-proceduri.

L-istqarrija tal-imputat giet mehdua fit-13 t'April 2008 u dana fi zmien meta l-ligi nostrana ma kienet tipprovdi ghall-ebda forma ta' assistenza legali. Din l-istqarrija giet ikkonferma bil-gurament fis-sena 2008, u cioe' ukoll qabel ma gie introdott fil-ligi Maltija d-dritt ghall-assistenza legali qabel u waqt l-istqarrija. Dina l-istqarrija kienet wahda inkriminanti fir-rigward ta' numru ta' imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni. Madanakollu jrid jinghad ukoll li l-istqarrija ma kinitx l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat. Minn analizi tal-atti processwali jirrizulta li l-qua imputat fl-ebda hin ma lmenta mill-istqarrija u/jew xhieda guramentata rrillaxata minnu. Kuntrarjament, fl-iter tal-process kriminali fil-konfront tieghu l-qua imputat ghazel, minn jeddu waqt li kien debitament

assistit, jiehu l-pedana tax-xhieda u jikkonferma l-istess stqarrija u xhieda guramentata rrillaxati minnu. Dan wara li l-istess gew moqrija lilu. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi u anke tenut kont tal-insenjament tas-sentenza mghotija mis-Sezzjonijiet Maghquda tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet: **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018 (li kien jirrigwarda cirkostanzi fejn il-ligi domestika relevanti ma kinitx tippermetti li tinghata l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni), dina l-Qorti ma tara l-ebda raguni l-ghaliex ghandha tiskarta jew altrimenti ma ghandiex tiehu kont tal-istqarrija u x-xhieda guramentata rrillaxata mill-qua imputat specjalment sabiex issir analizi tal-konsistenza tal-istess imputat f'dak li huwa stqarr.

Ghal dak li jirrigwardja l-verzjoni tal-qua imputat, irid jinghad li meta huwa xehed quddiem dina l-Qorti (qabel ma nqratlu l-istqarrija guramentata) huwa kien ferm ekonomiku bil-verita u biddel il-verzjoni li kienet giet mghotija minnu f'istanzi precedenti (fl-istqarrija guramentata). Fil-fatt fil-bidu tax-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti huwa pprova jaghti l-impressjoni li ma kellu x'jaqsam xejn mal-pilloli ecstasy mertu tal-proceduri odjerni.

Jinghad ukoll li l-verzjoni mghotija mill-qua imputat ma taqbilx mal-verzjoni mghotija mill-ufficjali tal-armata. Fil-fatt l-ufficjali tal-armata jindikaw lill-persuna li kienet fuq is-seat tal-passigier ta' quddiem bhala l-persuna li rmiet il-pilloli 'l barra mill-vettura. Din il-persuna kienet Ivan Mizzi. L-qua imputat bil-gurament tieghu jghid li l-persuna li rmiet dawk il-pilloli kien Jonathan Mizzi. Il-membri tal-forzi armati ma kellhomx raguni ghalxiex jigdbu f'dak li huma raw galadarba meta ddeponew huma sempliciment xehdu dwar il-fatti hekk kif ikkonstatati minnhom. Mhux l-istess jistgha jinghad ghal qua imputat. Ghalkemm il-Qorti tista' tapprezza li meta l-qua imputat ha l-pedana tax-xhieda kienu ghaddew diversi snin mill-fatti mertu tal-proceduri odjerni, madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma li kien iktar facli ghall-qua imputat li jinsa dak li huwa ddikjara fix-xhieda guramentata milli dak li effettivament sehh dakinhar tal-arrest taghhom. Fil-fatt meta gie biex jaghti l-verzjoni tieghu viva voce quddiem din il-Qorti huwa fl-ebda hin ma ddikjara li ma jiftakarx l-akkadut sakemm ma bediex jigi kkonfrontat bil-verzjoni differenti li huwa kien ta' precedentament. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ma hijiex konvinta mill-verzjoni li ta l-qua imputat.

Din il-Qorti analizzat ukoll il-verzjonijiet mghotija mill-ahwa Ivan u Jonathan Mizzi. L-abbli difensur argumentat li l-imputat qieghed f'posizzjoni zvantaggjata l-ghaliex il-verzjoni tieghu trid necessarjament tigi kkumparata ma dik ta' zewgt persuni li huma ahwa u li ghaldaqstant ghandhom kull interess li jipprotegu lil xulxin. Dina l-Qorti ma hijiex tal-istess fehma. Dan ghaliex meta Ivan u Jonathan Mizzi hadu l-pedana tax-xhieda l-proceduri fil-konfront taghhom rigwardanti l-fatti mertu tal-proceduri odjerni kienu gia *res judicata*. Di piu jekk wiehed janalizza x-xhieda taghhom wiehed immedjatament jirrealizza tezisti

kunfliggenza bejn iz-zewgt verzjonijiet. Filwaqt li **Ivan Mizzi** jixhed li marru bil-karozza fejn il-knisja ta' Hal-Qormi fejn hemmhekk ghaddew il-flus lil Jonathan Mizzi li min-naha tieghu ghadda l-istess flus minn got-tieqa tal-vettura lil persuna mhux maghrufa li minghandha xtraw id-droga, **Jonathan Mizzi** jispjega li marru bil-vettura sal-pjazza fejn hemmhekk huma ghaddew il-pilloli lill-qua imputat li min-naha tieghu mexa lejn il-knisja u minn hemm xtara l-pilloli. Dina l-Qorti hija kompletament sprovista minn kwalunkwa prova ohra li tista' taghti kredibilita' l-verzjoni mghotija minn dawn ix-xhieda.

Fi kwalunkwe kaz dina l-Qorti taghmel ghas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Ryan Galea'[7] fejn inghad is-segwenti:

> *"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kemm l-appellant kif ukoll it-tfajla tieghu, darba minnhom, kienu ddecidew li jixtru d-droga Cannabis flimkien. Jirrizulta li l-flus sabiex tinxtara din id-droga hargithom it-tfajla, ossia l-gharusa, ta' l-appellant.*
>
> *"Illi meta huma marru bil-karozza misjuqa mill-appellant u waqfu sabiex jixtru din id-droga, dak li bieghhilhom id-droga mar hdejn is-sewwieq, u veru, fil-fatt, id-droga fizikament ghaddiet l-ewwel f'idejn l-appellant. Hu hallas bil-flus li kienet taghtu l-gharusa tieghu, u meta ha id-droga, hu ghaddielha parti minnha, stante li dik id-droga mixtrija minnhom flimkien kienet intiza ghat-tnejn li huma.*
>
> *"Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatti ma jwasslux sa l-estremi ta' traffikar tad-droga da parti ta' l-appellant. Mhux kaz ta' 'sharing' tad-droga fis-sens li hu biss gja kellu id-droga, kien xtraha jew ottjeniha hu biss, u ta minnha lill-terzi. Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhhom fl-elementi kompleti rikjesti ghal traffikar ta' droga, izda semplicement ta' pussess illegali taghha."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Claire Farrugia' [8] fejn intqal:

> *"Illi mill-gurisprudenza johrog car li biex ikun hemm is-"sharing" li jammonta ghal traffikar irid ikun hemm il-fattispecji li wiehed ikollu d-droga w jaqsamha ma xi hadd jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha anki minghajr hlas jew korrispettiv (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Marvan Cachia" [26.8.98], "Il-Pulizija vs. Martin Pirotta" [15.12.98] u "Il-Pulizija vs. David Gatt" [11.4.2002] u ohrajn). Imma d-droga l-ewwel trid tkun ghandu, mbaghad*

[7] Mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Novembru 1999
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Marzu 2005

*jaqsamha ma' jew jikkonsenja lil haddiehor. Issa fil-kaz in ezami id-droga ghalkemm fizikament inghatat f'idejn l-appellanti mit-traffikant, kienet qed tinxtara flimkien ma Magro u bi flus Magro stess, li ukoll gab is-siringi biex id-droga tkun tista' tigi somministrata lilu. Ghalhekk hawn kien hawn koakkwist minn Magro u l-appellanti."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Illi fil-kaz in dezamina il-verzjonijiet mghotija kemm minn Ivan Mizzi kif ukoll minn Jonathan Mizzi jaqblu fuq il-fatt li huma (Ivan Mizzi, Jonathan Mizzi u l-qua imputat) marru flimkien jixtru l-pilloli ecstasy qabel ma jmorru party. It-tlieta li huma hargu l-flus u ghaddewhom lill-persuna li effettivament xtrat il-pilloli minghand il-persuna mhux identifikata. Il-verzjonijiet taghhom jaqblu ukoll fuq l-ammonti tal-pilloli li huma xtraw u ghal min kienu l-istess pilloli. Ivan u Jonathan Mizzi xtraw tlett pilloli kull wiehed filwaqt li l-qua imputat xtara zewgt pilloli. Fid-dawl tal-insenjament tas-sentenzi hawn fuq citati, irrispettivament minn min kien il-persuna li fizikament inghataw il-pilloli ecstasy, jekk hux il-qua imputats (hekk kif qal Jonathan Mizzi) jew Jonathan Mizzi (skond il-verzjoni ta' Ivan Mizzi), id-droga nxtrat mit-tlett persuni hawn fuq imsemmija bil-flus tal-istess tlett persuni. Ghalhekk hawnhekk ma ghandniex sitwazzjoni ta' traffikar izda sitwazzjoni ta' ko-akkwist tal-pilloli ecstasy mit-tlett persuni indikati u cioe' Ivan Mizzi, Jonathan Mizzi u l-qua impuat. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex issib lill-qua imputat hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u dana anke tenut kont tal-fatt li fix-xhieda tieghu, mghotija viva voce quddiem dina l-Qorti, l-qua imputat ukoll ikkonferma li dakinhar huwa kien xtara l-ecstasy ghall-konsum tieghu personali.

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni li tirrigwarda t-traffikar tal-kokaina, jinghad li ghalkemm mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur jirrizulta li kien propju l-qua imputat li forna lil Jonathan Mizzi bid-droga kokaina li nstabet fil-pussess tal-istess Mizzi, dina assolutament ma tirrizultax mix-xhieda mghotija minn Jonathan Mizzi quddiem dina l-Qorti jew mill-provi l-ohra prodotti mill-prosekuzzjoni. L-unika referenza ohra li ssir ghad-droga kokaina fl-atti processwali kienet fix-xhieda mghotija mill-qua imputat fejn sempliciment jaghmel referenza ghall-fatt li kemm Ivan Mizzi kif ukoll Jonathan Mizzi kienu dahlu fil-vettura sabiex jikkonsmaw id-droga kokaina. Madanakollu fl-ebda hin ma tressqet prova li kien propju l-qua imputat li forna lil Jonathan Mizzi jew lil Ivan Mizzi bid-droga kokaina. Ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur l-ispettur Jesmond J. Borg f'dan ir-rigward tikkostitwixxi biss *hearsay evidence*.

L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jistiplulaw:

*598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.*

*(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.*

*(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.*

***599**. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella", deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, fir-rigward tar-regola dwar il-hearsay evidence spjegat is-segwenti:

*"Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra."*

Ghaldaqstant fid-dawl dak suespost, dina l-Qorti ma tista' qatt issib htija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni unikament fuq dak iddikjarat mill-ufficjal prosekutur fix-xhieda tieghu. Dan iktar u iktar meta Jonathan Mizzi effettivament ha l-pedana tax-xhieda izda dak li ntqal mill-ufficjal prosekutur ma giex

ikkonfermat minn Jonathan Mizzi stess. F'dawn ic-cirkostanzi dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Illi fir-rigward tal-piena dina l-Qorti hadet kont tan-natura u c-cirkostanzi tar-reat li tieghu l-qua imputat qed jinstab hati, l-fedina penali tal-qua imputat, il-fatt li l-proceduri odjerni jirrigwardjaw fatti li effettivament sehhew fis-sena 2008 fejn id-dewmien kien principalment attribwibbli lill-qua imputat kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta b'mod partikolari l-artikolu 4 tal-istess Kapitolu.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-mottivi u wara li rat l-artikoli 40A; 120A(1)(a) u (2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolament 3 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, dina l-Qorti qed tillibera lill-qua imputat, Mavrick Zammit mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-hlas ta' penali ta' disghin ewro (Eur. 90).

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur